# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 28/2014 SM**

**Jean Pierre Abdilla**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur Jean Pierre Abdilla u appell ieħor tal-konvenut Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-24 ta' Ġunju 2015 li laqgħet talba tal-attur għal dikjarazzjoni li nkisru d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 34(1) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 5(1)(*a*), 6,

7 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u ikkundannat lill-konvenut iħallas kumpens ta' elf euro (€1,000) għall-ksur tad-drittijiet tal-attur, iżda ċaħdet talba tal-attur biex titħassar sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Settembru 2013 li kienet sabet lill-attur ħati ta' akkużi miġjuba kontrieh. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. L-attur kien mixli illi (i) assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra biex ibigħ u jittraffika l-medicina f'Malta, (ii) forna jew ipprokura jew offra droga eroina, u (iii) kellu fil-pussess tieghu eroina kontra l-ligi, fost akkużi oħra. B'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009 fl-ismijiet <u>Repubblika ta' Malta *v.* Jean Pierre Abdilla</u> l-Qorti Kriminali sabitu ħati ta' dawn l-akkużi miġjuba kontrieh, ikkundannatu għal piena ta' sittax-il sena priġunerija u multa ta' erbgħin elf euro (€40,000), u ordnat il-konfiska tal-oġġetti li dwarhom seħħ ir-reat u konfiska wkoll ta' flejjes u proprjetà tal-attur. B'sentenza tad-19 ta' Settembru 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza billi ħassret id-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat taħt l-ewwel kap tal-att ta' akkuża u ikkonfermatha fil-bqija.

3. Bir-rikors tal-11 ta' April 2014 li bih inbdiet din il-kawża tallum l-attur qal illi (i) id-diskrezzjoni li fiż-żmien relevanti kellu l-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"] li jiddeċiedi jekk il-każ kriminali kontrieh jinstemax

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella jinħariġx att ta' akkuża biex il-każ jinstema' b'ġûri quddiem il-Qorti Kriminsli; (ii) il-fatt li, għax il-liġi fiż-żmien relevanti ma kinitx taħseb għad-dritt ta' għajnuna ta' avukat qabel jew waqt li persuna tkun qiegħda tiġi interrogata mill-pulizija, huwa għamel stqarrija bla ma kien ikkonsulta ma' avukat; u (iii) il-konferma mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-piena mogħtija mill-Qorti Kriminali għalkemm ħassret is-sejbien ta' ħtija dwar ir-reat taħt l-ewwel kap tal-att ta' akkuża, kollha jiksru d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 34(1) u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artt. 5(1)(*a*), 6. 7 u 14 tal-Konvenzjoni. Għalhekk talab dikjarazzjoni ta' ksur ta' dawk id-drittijiet u rimedji xierqa, fosthom li tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Settembru 2013.

4. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li l-operat tal-Avukat Ġenerali u tal-pulizija investigattiva … … … ikkontaminaw il-proċedura sussegwenti u għalhekk illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-artikli 5(1)(*a*), 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, u fl-artikli 34(1)(*b*) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »illi tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti kien membru tal-Korp tal-Pulizija, bħala rimedju kif mitlub, tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' elf euro (€1,000.00), u tiddikjara li s-sentenzi indirizzati lir-rikorrenti li tagħhom talab li jiġu dikjarati nulli u li għandhom jiġu revokati u mħassra għandhom, minflok, … … …, jibqgħu fis-seħħ *stante* li l-proċedura fihom riskontrata tirriżulta li fiha nnifisha ma kissritx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew minnha mfissra hekk:

»Illi prinċipalment din il-proċedura tirrigwarda żewġ kwistjonijiet, senjatament: 1. id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri in diżamina, u 2. l-assistenza legali ta' suspettat waqt interrogatorju kondott mill-pulizija investigattiva; li t-tnejn superati billi l-kwistjonijiet sollevati ġew finalment riżolti permezz ta' leġislazzjoni appożita, u direzzjoni ġudizzjarja saħansitra mill-Qorti ta' Strasburgu;

»Ikkunsidrat:

»Illi fil-konfront tal-ewwel kweżit jingħad fil-qosor is-segwenti:

»Illi fil-kawża fl-ismijiet <u>John Camilleri *v.* Malta</u> deċiża fit-22 ta' Jannar 2013, l-istess Qorti Ewropea fuq riferita sintetikament stabbiliet fost affarijiet oħra, is-segwenti: 1. illi sa dak iż-żmien in diżamina l-ligi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward; 2. illi għalhekk il-liġi ma kenitx tipprovdi indikazzjoni preċiża tal-piena relattiva konnessa mar-reat *de quo*; 3. illi għalhekk ukoll l-Avukat Ġenerali ngħata diskrezzjoni assoluta biex jiddeċiedi liema tkun il-piena minima applikabbli fil-każ minnu hekk determinat; 4. illi l-istess qorti affermat ukoll li tali operat hu għalhekk mhux biss suġġettiv, iżda hu wkoll arbitrarju u dan tenut kont tal-fatt li ma kien statutorjament stabbilit l-ebda kontroll fuq l-operat tal-Avukat Ġenerali fir-rigward;

»Ikkunsidrat:

»Illi fil-konfront tat-tieni kweżit fuq riferit, jingħad fil-qosor is-segwenti: 1. illi sa dak iż-żmien in diżamina l-liġi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward; 2. illi għalhekk, għalkemm il-każistika lokali kienet stabbiliet rekwiżiti preċiżi għall-istqarrija valida, però d-dritt għall-assistenza legali waqt interrogatorju f'investigazzjoni tal-pulizija ma kienx jeżisti; 3. illi llum dan id-dritt jirriżulta sanċit leġislativament;

»Ikkunsidrat:

»Illi *in vista* tal-premess, jirriżulta paċifiku li l-lanjanzi tar-rikorrenti tant jirriżultaw serji, li l-iżvilupp legali nostran eventwalment evolva biex jirrikonoxxi tali drittijiet in diżamina u jissanzjonahom leġislativament;

»Ikkunsidrat:

»Illi tenut kont ta' tali evoluzzjoni statutorja, tibqa' l-kwistjoni li, *nonostante* dan, jirriżultax li effettivament kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fir-rigward;

»Ikkunsidrat:

»Illi għal dak li għandu x'jaqsam mad-diskrezzjoni insindakabbli tal-Avukat Ġenerali in diżamina jingħad sintetikament is-seg-

wenti: 1. illi hu prinċipju tal-ġustizzja fl-aktar ambitu wiesa' tagħha li diskrezzjoni amministrattiva għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet pubbliċi soġġetti għal skrutinju indipendenti; 2. illi n-nuqqas ta' tali skrutinju oġġettiv imur kontra s-sovranità tad-dritt u jirriverti l-arloġġ lura għar-rintroduzzjoni ta' sistema inkwiżitor-jali li f'Malta li ilha li ġiet konsenjata lill-istorja għal aktar minn seklu u nofs;

»Ikkunsidrat:

»Illi l-evoluzzjoni soċjali wasslet ukoll biex tirrikjedi żvilupp anke għal dak li għandu x'jaqsam mal-operat investigattiv tal-forzi investigattivi fejn illum is-soċjetà tirrikjedi ċerti garanziji pro-ċedurali li qabel ma kenux ikunu meqjusa deżiderati;

»Illi llum, xprunati mill-avviċinament internazzjonali riskontrat għal dawn l-aħħar ħamsin (50) sena, l-operat in diżamina attira l-introduzzjoni ta' dan l-iżvilupp garantista li jgħin lis-soċjetà Maltija moderna tiggarantixxi kemm is-sigurtà nazzjonali kif ukoll id-drittijiet fundamentali li minn żmien għal żmien jattiraw tali attenzjoni;

»Ikkunsidrat:

»Illi finalment, rigwardanti l-lanjanza fuq il-piena kif sollevata mir-rikorrenti jingħad sintetikament is-segwenti: 1. illi din il-vertenza hi sanċita mil-limiti statutorji li fuqha kienet stabbilita u deċiża kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-appell appożitu; 2. illi għalhekk għandu jkun paċifiku li qorti t'indole kostituzzjonali m'għandha qatt tippermetti lilha nnifisha li tiġi manipulata u mibdula f'qorti oħra ta' appell minn qorti tal-appell; 3. illi fir-rigward din il-qorti hi sodisfatta li l-analisijiet riskontrati fuq il-piena inflitta lir-rikorrenti fil-kawżi in diżamina ġew regolarment konklużi, u m'għandha xejn x'iżżid fir-rigward;

»Ikkunsidrat:

»Illi *in vista* tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-każ tiegħu *in parte*, senjatament, illi tenut kont tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali in kwistjoni u tan-nuqqas ris-kontrat fil-mument tal-istqarrijiet meħuda lis-suspettat, illum rikorrenti, id-drittijiet fundamentali tiegħu, kif minnu indirizzati fir-rikors promotur, ġew effettivament miksura;

»Illi però għandu wkoll jiġi enfasizzat li hawn *si tratta* ta' persuna li fil-fatt kien ġà membru tal-Korp tal-Pulizija ta' ċertu esperjenza u mhux xi żagħżugħ novell li nqabad f'realtà akbar minnu;

»Illi rigward il-lanjanza tar-rikorrenti fuq il-piena jingħad li fid-dawl tas-suespost, din il-lanjanza ma ġietx pruvata, u għalhekk qed tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

6. Minn din is-sentena appellaw kemm l-Avukat Ġenerali, b'rikors tat-13 ta' Lulju 2015 li għalih l-attur wieġeb fit-23 ta' Lulju 2015, u

kif ukoll l-attur b'rikors tat-13 ta' Lulju 2015 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fl-24 ta' Lulju 2015. Billi l-appell tal-Avukat Ġenerali jolqot aktar radikalment il-meritu tal-kwistjoni, waqt illi l-appell tal-attur aktar jolqot ir-rimedju, il-qorti sejra tibda billi tqis l-appell tal-Avukat Ġenerali.

7. L-Avukat Ġenerali appella minn dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li sabet ksur tad-drittijiet tal-attur minħabba fid-diskrezzjoni li kellu dak iż-żmien l-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22 tal-Kap. 101 u minħabba n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat qabel ma jew waqt li tingħata stqarrija.

8. Dwar in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, l-Avukat Ġenerali isejjes l-aggravju tiegħu fuq il-ġurisprudenza ta' din il-qorti, partikolar-ment il-każ ta' <u>Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali</u>[1], il-każ ta' <u>Geoffrey Gaglea *v.* Avukat Ġenerali *et*</u>[2], u l-każ ta' <u>Stacy Chircop *v.* Avukat Ġenerali *et*</u>[3], fis-sens illi l-attur ma kienx per-suna vulnerabbli meta għamel l-istqarrija u illi, f'kull każ, ma ġarrab ebda preġudizzju billi għamel l-istqarrija. Kompla fisser l-aggravju hekk:

> »Illi minn analiżi tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel onorabbli qorti ħadet biss in konsiderazzjoni l-fatt li meta l-akkużat irrilaxxa l-istqarrijiet lill-pulizija hu ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat u għalhekk dan wassal awtomatikament

1 Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

2 Kost. 28 ta' Ġunju 2013.

3 Kost. 8 ta' Frar 2013.

għal ksur tal-jedd li jkollu smigħ xieraq. Bir-rispett kollu din il-konsiderazzjoni hija waħda żbaljata tenut kont tal-evoluzzjoni li kien hemm f'dan il-kamp fil-ġurisprudenza nostrali … … …

»Sabiex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta r-rikorrent mhux biss irid jipprova li hu effettivament irrilaxxa stqarrija jew stqarrijiet mingħajr ma ngħata assistenza legali iżda irid jipprova wkoll li fiż-żmien li irrilaxxa l-istqarrijiet hu kien tassew f'posizzjoni ta' vulnerabilità, dgħjufija u biża'.

»L-esponent jisħaq li fil-każ odjern ir-rikorrenti bl-ebda mod ma ġab xi forma ta' prova li waqt l-istqarrijiet kien vulnerabbli, bezgħan jew dgħajjef u lanqas l-ewwel onorabbli qorti ma qalet dan fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Dan ifisser li l-qorti sabet leżjoni sempliċiment għaliex jirriżulta bħala stat ta' fatt li fiż-żmien meta ttieħdu l-istqarrijiet Jean Pierre Abdilla ma kienx assistit minn avukat u dan mingħajr ma għamlet analiżi dwar jekk l-istqarrijiet effettivament kinux ta' preġudizzju għal-appellat jew le. … … …

»Illi apparti dan kollu, l-esponent jirrileva wkoll li l-istqarrijiet li rrilaxxa l-appellat bl-ebda mod ma kienu deċiżivi fis-sejbien ta' ħtija tiegħu. Dan qed jingħad għaliex f'dawn l-istqarrijiet Jean Pierre Abdilla għażel li ma jirrispondix għad-domandi li għamlulu l-pulizija. Tant ir-rikorrent fehem sew id-drittijiet tiegħu li meta ġie interrogat mill-pulizija f'żewġ okkażjonijiet differenti hu liberament u volontarjament għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu mill-uffiċjal tal-pulizija. Marbut ma' dan isegwi li l-istqarrijiet li huwa irrilaxxa żgur li ma kellhom l-ebda influwenza jew impatt fuq is-sejbien ta' ħtija tiegħu fil-proċess kriminali.

»Illi jekk il-forma u l-kontenut tal-istqarrija ma kellha ebda impatt fuq id-deċiżjoni finali allura l-appellat ma jkollux raġun jilmenta għaliex ta stqarrija mingħajr ma kien megħjun minn avukat. Dan inkwantu l-preżenza jew le tal-avukat ma kienet ħa tagħmel ebda differenza għaliex il-ħtija ma ġietx stabbilita fuq il-bażi tal-istqarrija iżda fuq fatturi oħra. U hekk ġara f'dan il-każ għaliex l-għażla libera tar-rikorrent li ma jweġibx għall-mistoqsijiet tal-pulizija tfisser li hu ma sofra l-ebda tip ta' preġudizzju b'dawk l-istqarrijiet u li s-sejbien ta' ħtija żgur li ma kienx ibbażat fuq dak li stqarr ir-rikorrent.

»… … …

»L-esponent ifakkar ukoll li waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali inkluż waqt il-fażijiet tal-kumpilazzjoni u tal-appell, ir-rikorrent qatt ma lmenta dwar il-mod kif ta l-istqarrijiet tiegħu lill-pulizija. Li kieku kien xort'oħra r-rikorrent żgur f'xi stadju tal-proċeduri kien ħa jlissen id-disapprovazzjoni tiegħu għall-istqarrijiet. Infatti ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent milli jikkontesta s-siwi tal-istqarrijiet tiegħu waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali.

»Illi għalhekk ġaladarba jirriżulta biċ-ċar li fil-każ odjern l-istqarrijiet li irrilaxxa l-appellat bl-ebda mod ma kienu ta' preġudizzju għalih *stante* li l-appellat għadda minn proċess kriminali sħiħ fejn hu ġie ikkundannat mill-Qorti Kriminali wara li l-ġurija waslet għal verdett ta' ħtija abbażi tal-provi li nġabru waqt il-kumpilazzjoni u żgur li mhux minħabba l-istqarrijiet, qatt ma jista' jkun hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. L-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali.«

9. Għal dan l-aggravju l-attur wieġeb hekk:

»Illi l-appellat jirrileva illi sa dak iż-żmien in diżamina l-liġi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward u għalhekk, għalkemm il-każistika lokali kienet stabbiliet rekwiżiti preċiżi għal stqarrija valida, però d-dritt għall-assistenza legali waqt interrogatorju f'in-vestigazzjoni tal-pulizija ma kienx jeżisti. L-appellat jirrileva illi f'dak iż-żmien Malta kienet l-unika pajjiż fl-Ewropa kollha illi ma kenitx takkorda dawn id-drittijiet lil persuni arrestati.

»Illi peress illi Malta hija firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea, li saret parti mill-Liġi Maltija permezz tal-Att XIII tal-1987, peress illi dan l-ilment huwa bbażat fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzioni ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea iżda wkoll fuq ġuris-prudenza kostanti, kopjuża u univoka tal-Qorti Ewropea tad-Dritt Fundamentali tal-Bniedem, l-esponent ma jistax ma jabbraċċjax kompletament mal-enunċjazzjonijiet mogħtija mill-ewwel onor-abbli qorti illi fis-sentenza tagħha ddikjarat illi ċ-ċaħda ta' assistenza legali għal persuna arrestata fiha nnifisha tikkostit-wixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem indipendente-ment minn kull kunsiderazzjoni oħra.

»Illi huwa prinċipju assodat illi l-qrati nazzionali tal-pajjiżi firmatarji tal-Konvenzjoni jattribwixxu awtorità morali qawwija lid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu u li l-qrati nazzjonali għal-daqstant isegwu l-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu u mhux viċe versa.

»… … …

»Illi għaldaqstant f'dan il-kuntest l-appellat ma jistax jifhem ir-raġunament mogħti mill-Avukat Ġenerali u *cioè* illi sabiex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta r-rikorrent mhux biss irid jipprova li hu effettivament irrilaxxa stqarrija jew stqarrijiet mingħajr ma ngħata assistenza legali iżda jrid jipprova illi fiż-zmien li rrilaxxa l-istqarrijiet hu kien tassew f'posizzjoni ta' vulnerabilità, dgħjufija u biża' *stante* illi tali raġunament jinjora kompletament l-insenja-menti tal-Qorti ta' Strasburgu … … … u jibbaża ruħu fuq kriterji kompletament differenti u li ma jsibu ebda konfort fil-ġuris-prudenza ta' Strasburgu. Għaldaqstant minn imkien fil-ġuris-

> prudenza tal-Qorti Ewropea ma jirriżulta illi sabiex jirriżulta ksur, l-esponent irid ikun oġġezzjona dwar l-ammissibilità tal-istqarrija fil-proċeduri kriminali jew irtira dak li qal jew qal li kien mhedded jew li ġie mwiegħed xi favur.
>
> »Illi mhux talli l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma tqisx dawn il-kriterji bħala determinanti sabiex jiġi stabbilit ksur, talli d-deċiżjonijiet kollha minn Salduz lil hawn imorru f'direzzjoni kompletament opposta għal dan ir-raġunament fis-sens illi ċ-ċaħda tal-assistenza legali fiha nfisha kif ukoll iċ-ċaħda għal aċċess għal *file* fiha nfisha mingħajr ebda riferenza għal kunsiderazzjonijiet oħra tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem. … … …«

10. L-interpretazzjoni mogħtija minn din il-qorti fis-sentenzi ċitati mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu kienet imsejsa fuq kriterji ta' preġudizzju u vulnerabilità, fis-sens illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma huwiex ekwivalenti *ipso facto* għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq sakemm dan in-nuqqas, minħabba ċirkostanzi ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, ma jixħitx dubju fuq il-leġittimità tal-istqarrija b'mod illi, jekk isir użu minnha, ma jkunx hemm garanzija ta' smigħ xieraq. Din l-interpretazzjoni ta' buon sens tħares il-jedd għal smigħ xieraq, li ma jiġix nieqes minħabba episodju li ma kellu ebda effett prattiku u ta' preġudizzju għall-persuna interrogata fuq il-korrettezza u l-leġittimità tal-proċess fit-totalità tiegħu. Ma kinitx invenzjoni ta' din il-qorti iżda kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea stess fil-każ seminali ta' Salduz *v.* it-Turkija[4]:

> »52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent

[4] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rik. 36391.02.

> criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. … … …
>
> »… … …
>
> »53. These principles … … … are also in line with the generally recognised international human rights standards … which are at the core of the concept of a fair trial and <u>whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities</u>. … … …
>
> »54. … … … an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. <u>This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused</u>.[5]«

11. Tajjeb infakkru illi Salduz kien żagħżugħ ta’ sbatax-il sena arrestat mill-pulizija ta’ kontra t-terroriżmu tat-Turkija talli waħħal strixxun (*banner*) ma’ pont.

12. F’dan il-kuntest ma hux irrelevanti illi fil-każ ta’ <u>Salduz</u> il-Qorti Ewropea ma adottatx il-posizzjoni li ried wieħed mill-imħallfin tagħha f’*concurring opinion* illi n-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat jitqies *ipso facto* u għalhekk biss ksur tal-artikolu 6:

> »… … … I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention. It would be regrettable if the impression were to be left by the judgment that

[5] Enfasi miżjud.

no issue could arise under Article 6 … … … that Article 6 was engaged only where the denial of access affected the fairness of the interrogation of the suspect.«

13. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta tal-ħsieb tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Salduz billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li, fejn il-proċess kriminali jkun intemm, din l-interpretazzjoni llum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg v. Malta[6]:

»62. … … … the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons.

»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.«

14. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta u ta' buon sens.

15. Relevanti wkoll iżda huwa dak li qalet l-istess Qorti Ewropea f'każ ieħor riċenti kontra Malta, il-każ ta' Dimech *v.* Malta[7]:

---

6 Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

7 Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik

> »43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, *inter alia*, X. *v.* Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont *v.* Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos *v.* Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella *v.* Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace *v.* Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, *inter alia*, X *v.* Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B *v.* Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo *v.* Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand *v.* France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin *v.* France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).«

16. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk is-sentenzi ta’ Borg u ta’ Dimech humiex kompatibbli ma’ xulxin, il-qorti tosserva biss illi s-sentenza ta’ Dimech ma nqalbitx bis-sentenza ta’ Borg, u sallum għadha tiswa[8]. Fid-dawl ta’ dak li jingħad f’Borg u f’Dimech, meqjus il-proċess fl-intier tiegħu – partikolarment illi kien hemm xiehda konvinċenti u preponderanti tal-ħtija tal-attur u illi l-istqarrija ma kinitx fattur fis-sejbien ta’ ħtija għax fil-fatt l-attur ma ammetta xejn u għażel li ma jwieġeb xejn – il-qorti ssib li kien

[8] Il-Qorti Ewropea fis-sentenza ta’ Borg ma adottatx l-opinjoni espressa minn wieħed mill-imħallfin tal-istess qorti f’*partly concurring and partly dissenting opinion* illi “*The present judgment reiterates Dimech, which is wrong and should be reversed*”.

hemm ksur biss formali tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni meta lill-attur ġie mċaħħad il-jedd għal għajnuna legali qabel jew waqt it-teħid tal-istqarrija, iżda dan il-ksur formali ma kellu ebda konsegwenza ta' ħsara għall-attur fuq il-korrettezza tal-proċess kriminali meqjus fl-intier tiegħu.

17. Ladarba nstab illi kien hemm ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni għax l-attur ma ngħatax jedd għall-għajnuna ta' avukat ma huwiex il-każ illi jintlaqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali. Ukoll, billi hu biżżejjed li jingħad illi kien hemm ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis ukoll kienx hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

18. Ngħaddu issa għat-tieni aggravu tal-Avukat Ġenerali, dak dwar id-diskrezzjoni li kellu taħt l-art. 22 tal-Kap. 101. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Minn qari tas-sentenza appellata johrog ċar li d-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti kienet ispirata għal kollox fuq id-deċiżjoni Camilleri *v.* Malta mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Jannar 2013.
>
> »Bilkemm hemm għalfejn jingħad deċiżjonijiet mogħtija mill-organi ġudizzjarji ta' Strasburgu fihom piż qawwi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u bħala tali m'għandhomx jiġu mwarrba leġġerment jew mingħajr ebda raġuni valida. B'danakollu dana ma jfissirx li jekk kemm-il darba l-Qorti Ewropea tkun ippronunzjat ruħha b'ċertu mod allura l-Istat jitlef kull opportunità li fi proċeduri separati jikkritika dik id-deċiżjoni u jistieden lil qrati oħra biex ma jħaddnux dik id-deċiżjoni. Wara kollox anke l-qrati Ewropej mhux l-ewwel darba li biddlu l-fehma tagħhom stess fuq xi punt partikolari u tbiegħdu mis-sentenzi preċedenti tagħhom. … … …
>
> »F'dan il-kuntest l-esponent Avukat Ġenerali fl-umiltà tiegħu, bla ma jonqos fir-rispett lejn ħadd, jemmen li d-deċiżjoni mogħtija

mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta ma tirriflettix dak li tassew jiddisponi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Tabilħaqq l-esponent ihoss li l-Qorti Ewropea minħabba suspetti u beżgħat mhux raġonevoli dwar id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali wessgħet aktar milli kien imiss il-protezzjoni li hija maħsuba taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Għalhekk billi kif sejjer jiġi spjegat hija l-fehma tal-esponent li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta tmur lilhinn minn dak li jinsab provdut fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni allura l-istess esponent qiegħed reverentement jitlob lil din l-onorabbli qorti biex ma taċċettax l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea fejn jolqot id-diskrezzioni tal-Avukat Ġenerali taħt il-liġi tad-drogi;

»Dan premess il-Qorti Ewropea waslet għall-konklużjoni li d-diskrezzjoni mogħtija bil-liġi lill-Avukat Ġenerali fi proċeduri dwar reati marbuta mad-droga ma tħarisx il-prinċipju tal-prevedibilità għaliex:

»i. il-*punishment bracket* jiġi magħruf biss meta l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi fejn ħa jixli lill-akkużat;

»ii. l-għażla tal-*forum* hiha mħollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Ġenerali; u

»iii. l-Avukat Ġenerali ma kellux kriterji fissi bil-liġi fuq xiex seta' jsejjes id-diskrezzjoni tiegħu;

»Illi dwar l-ewwel punt ma hemmx dubju li l-parametri tal-piena b'rabta mat-traffikar u ċ-ċirkolazzjoni tad-droga jinsabu sew delineati fl-artikolu 22(2) tal-Kap, 101 tal-Liġijiet ta' Malta u *cioè* bejn sitt xhur priġunerija u għomor il-ħabs skont fejn l-akkużat jiġi mixli mill-Avukat Ġenerali. Jiġifieri kull min jitħajjar li jwettaq reat marbut mat-traffikar tad-droga jaf jew messu jkun jaf li skont il-liġi Maltija huwa jista' jirriskja, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, piena ta' ħabs li tista' tvarja bejn is-sitt xhur u l-għomor il-ħabs, skont quddiem liema qorti jiġi mressaq. Hekk ukoll, kull min għandu l-ħsieb li jinvolvi ruħu fit-traffikar u l-kultivazzjoni tad-droga jaf jew messu ikun jaf li l-għażla tal-*forum* hija mħollija fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-Avukat Ġenerali. Minn din il-lenti allura l-parametri tal-piena li wieħed jista' jeħel jekk jinqabad jittraffika jew jimporta d-drogi f'Malta huma mnżżla b'mod ċar fil-liġi;

»Issa fil-każ inkwistjoni Abdilla sar jaf li kien ħa jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali fil-jum stess li tressaq għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba li dakinhar stess l-Uffiċjal Prosekutur kien ippreżenta l-ordni tal-Avukat Ġenerali. Jiġifieri Abdilla kien jaf bil-*punishment bracket* mal-mument li huwa ġie mressaq quddiem il-qrati;

»Però d-diffikoltà misjuba mill-Qorti Ewropea u anke mill-ewwel onorabbli qorti tikkonċerna l-fatt li l-*punishment bracket* jiġi magħruf biss malli xi ħadd jiġi akkużat u mhux qabel. Fis-sewwa l-esponent qajla jista' jifhem din il-perplessità kollha għaliex f'kull każ kriminali l-*punishment bracket* ikun jista' jiġi stabbilit biss

malli jinħarġu l-akkużi. Tabilħaqq qabel ma jinħarġu l-akkużi ħadd ma jista' jkun jaf x'piena jista' jeħel. Kollox jiddependi fuq in-natura tal-akkużi li jinħarġu mill-prosekuzzjoni;

»Hekk pereżempju jekk ikollok każ fejn persuna intenzjonalment tħebb u tweġġa' serjament persuna oħra, il-*punishment bracket* tiddependi fuq jekk il-prosekuzzjoni toħroġx akkuża ta' attentat [*recte*, tentativ] ta' qtil jew akkuża ta' offiża gravi. Kemm fil-każ ta' attentat ta' qtil u kemm fil-każ ta' offiża gravi l-*punishment bracket* huwa ben definit fit-liġi. Madankollu l-akkużat isir jaf eżattament x'qed jirriskja bħala piena malli tinħariġlu l-akkuża;

»L-istess jiġi fil-każijiet ta' reati sesswali. Il-*punishment bracket* tvarja skont jekk persuna tiġix akkużat b'attentat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti għall-pudur. Għal-hekk sakemm tinħareġ l-akkuża persuna ma tkunx taf eżatta-ment x'tista' teħel. B'daqshekk però ma jfissirx li hemm impre-vedibilità fil-piena bi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»FiL-każ in eżami r-rikorrent kien saħansitra membru fil-korp tal-pulizija fil-grad ta' kuntistabbli u m'hemmx dubbju li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu kien jew seta' kien konsapevoli tal-kon-segwenzi jekk persuna tinqabad titraffika kilo (1kg) droga eroina u li dawn il-kawżi jiġu deċiżi mill-Qorti Kriminali. Apparti dan, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti kienet iktar gravi mis-soltu proprju min-ħabba x-xogħol sensittiv li kien jagħmel li jinvolvi l-ħarsien tal-ordni pubbliku u jara li ma jitwettqux reati bħal dak li wettaq hu.

»F'dan il-każ l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent kienu onerużi sew. L-ammont sostanzjali ta' droga involuta u s-sehem dirett tar-rikorrent ma kienx iqiegħed il-każ tiegħu fil-kategorija ta' *border-line case*. Kuntrarjament dan kien każ ċar li jimmilita favur akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. F'kull każ anke jekk wiehed jifli d-*database* esibita mill-esponenti, wieħed dlonk jintebaħ li kull min kien akkużat b'ammont ta' droga perikoluża fil-viċinanzi ta' dak li ġie akkużat bihom ir-rikorrent u kellu livell ta' parteċipazzjoni daqshekk għoli fit-twettiq tar-reat, dan dejjem ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Da parti tiegħu r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li turi l-kuntrarju ta' dan. Jiġi b'hekk li ċertament fil-każ speċifiku tar-rikorrent ma jistax jingħad li l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jressqu quddiem il-Qorti Kriminali kienet xi sorpiża jew xi deċiżjoni mhux mistennija jew saħansitra deċiżjoni ħażina. Tassew mill-każijiet passati, kien tista' tgħid skontat li minħabba l-ammont qawwi ta' droga involuta huwa kien sejjer igħaddih minn ġûri. L-għażla tal-Avukat Ġenerali li jibagħtu quddiem il-Qorti Kriminali kienet tista' tgħid waħda ta' obbligu. Naturalment dan kollu jkompli jsaħħaħ aktar it-teżi tal-esponent li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda sorpiża jew im-prevedibilità fil-mod kif l-Avukat Ġenerali inqeda bid-diskrezzjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrent«

19. L-attur wieġeb hekk:

»Illi l-appellat jirrileva illi għalkemm huwa minnu illi l-qrati ewropej mhux l-ewwel darba illi biddlu l-fehma tagħhom stess fuq xi punt partikolari u tbiegħdu mis-sentenzi preċedenti tagħhom, ġeneralment id-deċiżjonijiet mogħtija mill-organi ġudizzjarji ta' Strasburgu fihom piż qawwi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u bħala tali m'għandhomx jiġu mwarrba leġġerment jew mingħajr ebda raġuni valida. *Inoltre*, f'dan l-isfond jingħad illi fil-każ in kwistjoni mhux talli l-qrati Maltin ma segwewx il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta, iżda talli saħansitra kien l-istess leġislatur illi emenda l-liġi inkwistjoni sabiex jagħmilha *in linea* ma' tali pronunzjament. Fil-fatt, riċentement iddaħħlu emendi fil-liġi kriminali senjatament Kap. 101 permezz tal-Att XXIV tal-2014 u l-Linji Gwida fir-Raba' Skeda (artikolu 22) li jipprovdu tentativ sabiex jindirizzaw u jillimitaw din id-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali. Fil-fatt, minħabba dan il-ksur riskontrat fis-sentenza Camilleri *v.* Malta, il-leġislatur Malti riċentement emenda il-liġi b'mod illi persuna akkużata għandha dritt tissindika id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali permezz ta' rikors fil-Qorti Kriminali li tiddeċiedi definittivament liema qorti għandha tiddeċiedi l-każ, jekk hux il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali. Illi għalhekk illum dan id-dritt jirriżulta sanċit leġislativament. Dan ifisser illi l-ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem ilmentat mill-appellat tant huwa ksur serju li l-iżvilupp legali nostran eventwalment evolva biex jirrikonoxxi tali dritt in diżamina.

»Illi l-appellat jirrileva illi l-ewwel onorabbli qorti iddikjarat li l-artikolu 22(1) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-dritt fundamentali taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni għal dak li jirrigwarda id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt il-Kap. 101 li jiddeċiedi … … … quddiem liema qorti jibgħat lill-akkużat sabiex ikun ġudikat.

»Illi l-appellat jirrileva illi d-diskrezzjoni vasta tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi jekk l-akkużat jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew li jitpoġġa taħt att ta' akkuża sabiex l-akkużat igħaddi ġûri u konsegwentement id-differenza fil-piena li tista tkun inflitta jikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

»Illi in sostenn l-appellat qed jiċċita s-sentenza surreferita fl-ismijiet John Camilleri *v.* Malta (app. nru 42931/10) deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-qorti irriteniet illi:

> »"The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The

> Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. Neither could such a decision be seen only or mainly in terms of abuse of power, even if, as the Government suggested without however substantiating their view, this might be subject to constitutional control. The Court is not persuaded by the Government's argument to the effect that it was possible that the minimum punishment before the Criminal Court would not be handed down. The Court considers that the domestic courts were bound by the Attorney General's decision as to which court would have been competent to try the accused. The Court observes that Article 21 of the Criminal Code provides for the passing of sentences below the prescribed minimum on the basis of special and exceptional reasons. However, section 120A of the Medical and Kindred Professions Ordinance, which provides for the offence with which the applicant was charged, specifically states in its subsection (7) that Article 21 of the Criminal Code shall not be applicable in respect of any person convicted of the offence at issue. On an examination of the provision, the Court finds that it would not be possible to interpret the wording of that provision otherwise."

»… … …

»Illi *in linea* ma' dak deċiż fis-sentenza fuq ċitata John Camilleri v. Malta, jekk l-ordni li abbażi tiegħu jibdew il-proċeduri taħt il-Kap. 101 jikser id-dritt fundamentali tal-appellant, għaldaqstant il-proċeduri sussegwenti u li proprju jiddependu fuq din l-ordni huma wkoll mittiefsa b'dan il-ksur.

»Illi jiġi sottolineat illi l-Avukat Ġenerali għandu rwol ta' prosekutur fil-konfront tal-akkużat b'poteri li jiddeċiedi fejn għandu jiġi ġudikat l-akkużat u liema piena għandha tapplika u dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali għandu il-poter li jagħmel *a binding judgement of a quasi-judicial nature* qabel ma jkun inbeda l-proċess mhux abbażi ta' regola iżda abbażi ta' diskrezzjoni suġġettiva u insindakabbli liema ġudizzju jorbot lill-qorti wkoll u għalhekk tali operat tal-Avukat Ġenerali mhux biss huwa wieħed suġġettiv, iżda hu wkoll arbitrarju u dan tenut kont tal-fatt li ma kien statutorjament stabbilit l-ebda kontroll fuq l-operat tal-Avukat Ġenerali fir-rigward. Illi hu prinċipju tal-ġustizzja fl-aktar ambitu wiesa' tagħha li diskrezzjoni amministrattiva għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet pubbliċi soġġetti għal skrutinju indipendenti. Illi n-nuqqas ta' tali skrutinju oġġettiv imur kontra s-sovranità tad-dritt u jirriverti l-arloġ lura għar-rintroduzzjoni ta' sistema inkwiżitorjali li f'Malta ilha li ġiet konsenjata lill-istorja għal aktar minn seklu u nofs.«

20. Il-qorti ma tistax tiċħad il-qawwa tal-argument elokwenti mressaq mill-Avukat Ġenerali li essenzjalment huwa appell biex min jiġġudika ma jinqatax mir-realtà tal-ħajja u, minflok, jintilef f'finzjonijiet u astrazzjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn malveritajiet li jħabbat wiċċu magħhom min jikkombatti d-delinkwenza fid-dinja reali. Fil-verità, liema delinkwent, qabel ma jwettaq il-ħsieb tiegħu, jikkonsulta l-*menu* u l-*listino prezzi* tar-reati biex igħid li dan it-tali reat jista' jwaħħlu sa għaxar snin ħabs u għalhekk huwa "għali" wisq waqt li t-tali reat ieħor li jista' jwaħħlu biss sa ħames snin *vale la pena* li jidħol għalih għax għandu ħames snin x'jonfoq? Hekk jiġri fid-dinja reali?

21. Barra minn hekk, sewwa jgħid l-Avukat Ġenerali illi kieku l-attur ikkonsulta l-liġi qabel ma qatagħha li jiksirha kien ikun jaf illi seta' jeħel minn sitt xhur sa għomru priġunerija. Setgħet il-liġi flok tagħti għażla ta' *forum* tidentifika minn qabel *forum* wieħed, bla ma tagħti setgħa ta' għażla lill-Avukat Ġenerali, u tgħid illi l-minimu tal-piena huwa ta' sitt xhur u l-massimu huwa għomor priġunerija: ir-riżultat kien ikun l-istess; l-elementi tar-reat ma jkunux b'hekk magħrufa aktar u aħjar milli kienu magħrufa fiż-żmien relevanti u l-massimu u l-minimu tal-piena ma jkunux b'hekk magħrufa aktar u aħjar milli kienu magħrufa fiż-żmien relevanti.

22. Madankollu, l-argument tal-Avukat Ġenerali ma huwiex għal-kollox sħiħ, għax l-għażla li għandha l-prosekuzzjoni tal-akkuża li biha tixli lill-akkużat, u li jista' jkollha effett fuq il-piena, ma hijiex l-istess bħall-għażla tal-parametri tal-piena għall-istess akkuża, bħal ma kien il-każ taħt l-art. 22(2) tal-Kap. 101. Il-liġi tagħti parametri wesgħin għall-għażla tal-piena biex il-qorti tkun tista' tagħti l-piena li tixraq għall-każ partikolari. Iżda din l-għażla għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti u mhux, bħal ma kien jiġri taħt l-art. 22(2) fiż-żmien relevanti, tkun limitata bis-setgħa tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-*forum*.

23. Dan il-fatt iżda jolqot il-prevedibilità li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni? Tassew, it-tifsira litterali tal-art. 7 hija illi l-liġi trid tkun ċara dwar x'inhuma l-atti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu reat, u għal dak ir-reat ma tistax tingħata piena akbar minn kemm tgħid il-liġi. Fil-każ tallum l-atti li wettaq l-attur kienu jikkostitwixxu reat taħt il-liġi u, wara li nstab ħati, il-piena li ngħata ma kinitx akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat sar.

24. Fl-interpretazzjoni tal-qorti ta' Strasburgu, iżda, l-element ta' pre-vedibilità huwa meħtieġ mhux biss għal dak li jikkostitwixxi r-reat u l-ogħla piena li tista' tingħata, iżda wkoll – għall-inqas bejn wieħed u ieħor – għall-*quantum* tal-piena. Hekk, fis-sentenza ta' <u>Camilleri</u> dik il-qorti kienet osservat illi:

»35. ... ... ... An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act and/or omission committed.«

25. Din tista' forsi titqies bħala interpretazzjoni "evolutiva" tal-Konvenzjoni, biex ma nsejħulhiex leġislazzjoni minn organu ġudizzjarju, u ma hemm xejn ħażin illi fl-interess tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem dawk id-drittijiet jingħataw l-usa' inter-pretazzjoni, sakemm dak li b'hekk jissaħħaħ ikun tassew il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u mhux il-ħarsien tal-interessi tad-delinkwenza.

26. Fil-każ tallum, bħal fil-każ ta' Camilleri, ma hemmx kwistjoni dwar il-prevedibilità ta' x'jikkostitwixxi r-reat. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea dwar l-art. 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Pro-fessjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha [Kap. 31], disposizzjoni analoga għal dik tal-art. 22(2) tal-Kap. 101, iżda l-qorti osservat ukoll illi ma huwiex biżżejjed illi jkun prevedibbli biss x'jikkostitwixxi r-reat u x'inhu l-massimu tal-piena:

»40. The Court finds that the provision in question does not give rise to any ambiguity or lack of clarity as to its content in respect of what actions were criminal and constituted the relevant offence. The Court further notes that there is no doubt that section 120A(2) of the Medical and Kindred Professions Ordinance provided for the punishment applicable in respect of the offence with which the applicant was charged. In fact, it provided for two different possible punishments, namely a punishment of four years to life imprisonment in the event that the applicant was tried before the Criminal Court, or six months

> to ten years if he was tried before the Court of Magistrates. While it is clear that the punishment imposed was established by law and did not exceed the limits fixed by section 120A(2) of the above-mentioned Ordinance, it remains to be determined whether the Ordinance's qualitative requirements, particularly that of foreseeability, were satisfied, regard being had to the manner of choice of jurisdiction, as this reflected on the penalty that the offence in question carried.«

27. Il-qorti fil-fatt sabet illi l-inċertezza dwar il-parametri – forsi għax min ikollu l-ħsieb li jwettaq reat ma jkollux mezz kif jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali qabel ma jwettaq ir-reat biex jistaqsih quddiem liema qorti sejjer iressqu jekk jinqabed – tolqot il-prevedibilità tal-piena u għalhekk sabet ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni:

> »41. The Court observes that the law did not make it possible for the applicant to know which of the two punishment brackets would apply to him. As acknowledged by the Government …, the applicant became aware of the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried.
>
> »42. The Court considers relevant the cases of G. and M. mentioned by the applicant ... It observes that although these cases were not totally analogous (in that G., unlike M., was a recidivist), they were based on the same facts, offences in relation to which guilt was found, and a similar quantity of drugs. However, G. was tried before the Criminal Court and eventually sentenced to nine years' imprisonment whereas M. was tried before the Court of Magistrates and sentenced to fifteen months' imprisonment. More generally, the domestic case-law presented to this Court seems to indicate that such decisions were at times unpredictable. It would therefore appear that the applicant would not have been able to know the punishment applicable to him even if he had obtained legal advice on the matter, as the decision was solely dependent on the prosecutor's discretion to determine the trial court.
>
> »43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years.

> The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court … noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. … … …
>
> »44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7.
>
> »45. It follows that there has been a violation of Article 7 of the Convention.«

28. Jekk din hija l-interpretazzjoni prevalenti – biex ma nsejħulhiex korretta – tal-art. 7, u jidher ukoll illi hija l-interpretazzjoni adottata fis-sentenzi ta’ dawn il-qrati wara Camilleri[9], xejn ma jiswa li ngħidu illi l-attur kien jaf, qabel ma qatagħha li jwettaq ir-reat, li seta’ jeħel minn sitt xhur sa għomru l-ħabs; jekk ma setax, f’dak il-waqt, ikun jaf jekk setax jeħel minn sitt xhur sa għaxar snin jew minn erba’ snin sa għomru, mela ma kienx hemm il-prevedibilità li jrid l-art. 7 kif interpretat.

29. Fil-verità iżda – għax il-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta’ jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas *borderline*, b’mod illi jekk jinqabad x’aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali?

---

[9] Ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza appellata f’para. 3 taħt “Konsiderazzjonijiet”, *supra*.

Meta tqis illi l-kwantità ta' droga kienet sostanzjali – kilo (1Kg) eroina – li kienet tiswa ħamsa u għoxrin lira ta' Malta (Lm25) kull gramm, jew ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000) – daqs tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33) – b'kollox, u tqis illi (kif jidher mill-istatistika esebita mill-Avukat Ġenerali[10]), każijiet ta' dik il-gravità regolarment jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali, ma jistax jingħad illi fil-każ tal-attur kienet nieqsa l-prevedibilità li ġie interpretat li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni.

30. Dan l-aggravju għalhekk jixraq illi jintlaqa'

31. Ngħaddu issa għall-appell tal-attur, li jfisser l-ewwel aggravju tiegħu hekk:

> »Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellanti jilmenta illi l-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament u interpretazzjoni żbaliata tal-liġi applikabbli, u dan meta dehrilha illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentlli tiegħu fir-rigward tal-piena erogata mill-Qorti tal-AppeII Kriminali. Illi fis-sentenza tagħha fuq rifelita, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat il-piena ta' sittax-il (16) sena priġunerija u kkonfermat il-multa inflitta, allavolja illiberat lir-rikorrenti mill-akkuża tal-assoċjazzjoni biex ibigħ jew jittraffika d-droga eroina. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċiviii (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi din il-vertenza rigward il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali hi sanċita mill-limiti statutorji li fuqha kienet stabbilita u deċiża kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-appell appożitu. L-istess qorti żiedet illi għalhekk għandu jkun paċifiku li qorti ta' sede kostituzzjonali m'għandha qatt tippermetti lilha nnifisha li tiġi manipulata u mibdula f'qorti oħra ta' appell minn qorti tal-appell.
>
> »Illi l-appellant iżda jirrileva illi huwa mhuwiex jitlob li l-qorti ta' sede kostituzzjonali tinbidel f'qorti oħra ta' qppell f'sentenza li diġà kien hemm appell fuqha. L-esponenti qiegħed jitlob biss illi

10 *Foll.* 37 *et seq.*

peress illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tiegħu tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, senjatament, l-artiklu 34(1)(*b*) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5(1)(*a*) tal-Konvenzjoni Ewropea, il-qorti ta' sede kostituzzjonali għandha tieħu konjizzjoni ta' dan il-fatt u tiddikjara ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

»Illi fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali *nonostante* li rriformat is-sen tenza kif fuq indikat, ikkonfermat il-parti tal-pieni inflitta. Għaldaqstant, ġaladarba l-appellant kien ġie kkundannat mill-ewwel qorti għal perjodu ta' sittax-il sena (16) priġunerija u l-ħlas ta' multa ta'erbgħin elf euro (€40,000) fuq sejba ta' ħtija tal-ewwel erbgħa kapi tal-att ta' akkuża iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-sens illi sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel kap tal-att ta' akkuża iżda xorta kkonfermat il-piena inflitta, dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

»Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata l-10 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-ismijiet <u>Joseph Portelli *v.* Il-Pulizija (Spettur M. Mallia) *et*</u> fejn gie ritenut illi:

> »"X'inhu r-rimedju? Fil-fehma kunsidrata ta' din il-qorti, ir-rimedju xieraq huwa li jkun hemm riduzzjoni fil-piena li bħalissa qed jiskonta Portelli. Ma hux il-każ, kif talab ukoll l-appellant, li s-sentenza tigi dikiarata "nulla u invalida", għax dak ikun ifisser li anke fejn huwa ġie liberat kollox ikollu jerġa' jibda mill-ġdid quddiem ġudikant ieħor. Kwantu għar-riduzzjoni fil-piena, jiġi osservat li l-Qorti tal-Maġistrati, meta erogat il-piena ta' erba' snin għaż-żewġ reati, ma mxietx bir-rigorozità tal-artikolu 17(*b*) tal-Kodiċi Kriminali – dan l-artikolu, infatti, anqas biss jissemma f'dik is-sentenza. Kif inhi l-prassi – mhux neċessarjament wahda ta' min jinkoraġġiha – fil-Qorti tal-Maġistrati l-piena kom-plessiva mogħtija tidher li ngħatat billi dik il-qorti ħadet biss in konsiderazzjoni l-piena għar-reat l-aktar gravi, *cioè* dak ta' riċettazzjoni (minimu ta' tlettax-il xahar, massimu seba' snin) u marret *più o meno* għan-nofs. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Maġistrati ma speċifikatx il-piena għar-riċettazzjoni u dik għar-reat ta' ħsara volontaria, iżda qatgħet bid-dritt u tat erba' snin. Fil-fehma ta' din il-qorti jkun għalhekk xieraq li mill-piena ta' erba' snin jitnaqqsu almenu erba' xhur, li jammontaw għal kważi terz tal-piena minima – li kienet ukoll ta' tlettax-il xahar – għar-reat ta' ħsara volontarja."«

32. Fis-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009 il-Qorti Kriminali kienet iddeċidiet hekk fil-parti relevanti għall-kawża tallum:

»… … … tikkundanna lill-ħati Jean Pierre Abdilla għall-piena komplessiva ta' sittax-il (16) sena priġunerija fuq l-ewwel erba' kapi tal-att tal-akkuża u erbgħin elf euro (€40,000) biss għall-

> ewwel tliet kapi tal-att tal-akkuża, b'dana però li qed jingħad espressament li qed tinghata piena għal reat wieħed biss u *cioè* għat-tieni kap ta' traffikar *stante* l-assorbiment taż-żewġ kapi l-oħra skond l-artikolu 17(*h*) f'dan il-kap … … …«

33. Dan ifisser illi l-Qorti Kriminali ma tatx lill-attur piena għall-ewwel kap tal-att ta' akkuża għalkemm sabitu ħati ta' dak il-kap, u kien għalhekk illi l-piena ma tnaqqsitx mill-Qorti tal-Appell Kriminali għalkemm din ħasret is-sejbien ta' ħtija għal dak il-kap. Fil-fatt fis-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> »… … … it-tieni aggravju tal-appellant għandu jiġi milqugħ u l-appellant iddikjarat mhux ħati tal-akkuża kontemplata fl-ewwel kap tal-att ta' akkuża. *Ciononostante*, dan ma jbiddel xejn mill-piena. L-ewwel qorti fil-fatt fis-sentenza tagħha qieset illi r-reati taħt l-ewwel u t-tielet kapi f'dan il-każ servew bħala meżż biex sar ir-reat kontemplat fit-tieni kap u għalhekk, skond l-artikolu 17(*h*) tal-Kap. 9, għandha tingħata l-piena biss għar-reat taħt it-tieni kap.«

34. Għalhekk ma huwiex minnu dak li qiegħed igħid l-attur illi, bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 5(1)(*a*) tal-Konvenzjoni, huwa ngħata piena li ċċaħħdu mil-libertà personali fin-nuqqas ta' sentenza li sabitu ħati ta' reat kriminali, għax il-piena li ngħata, kemm mill-Qorti Kriminali u kemm mill-Qorti tal-Appell, kienet dwar reat li dwaru, ukoll wara l-appell, kien misjub ħati.

35. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

36. It-tieni aggravju tal-appell ġie mill-attur imfisser hekk:

> »Illi fis-sentenza tagħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) iddikjarat li ġew leżi d-drittiiiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li l-operat tal-Avukat Ġenerali u tal-pulizija in-vestigattiva fuq analizzat ikkontaminaw l-proċedura sussegwenti

u għalhekk illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-artiokli 5(1)(*a*), 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, u fl-artikli 34(1)(*b*) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess qorti saħqet illi, tenut kont tal-fatt illi l-istess rikorrenti kien membru tal-Korp tal-Pulizija, bħala rimedju kif mitlub, ikkundannat lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' elf euro (€1,000.00) u ddikjarat li s-sentenzi indirizzati lir-rikorrenti li tagħhom talab li jiġu dikjarati nulli u li għandhom jiġu revokati u mħassra għandhom minflok, għalhekk, jibqgħu fis-seħħ *stante* li l-proċedura fihom riskontrata tirriżulta li fiha nnifisha ma kisritx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

»Illi l-esponent jirrileva illi la l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) iddikjarat li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li l-operat tal-Avukat Ġenerali u tal-pulizija investigattiva fuq analizzat ikkontaminaw il-proċedura sussegwenti, awtomatikament il-proċedura riskonstrata fis-sentenzi indirizzati lir-rikorrenti kienu jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dan għaliex jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kemm minħabba l-operat tal-Avukat Ġenerali f'dik li hija d-diskrezzjoni jekk l-akkużat għandux jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella li jinħareġ att t'akkuża sabiex l-akkużat igħaddi ġûri quddiem il-Qorti Kriminali u kemm minħabba l-operat tal-pulizija investigattiva peress illi l-liġi fil-perjodu li fih l-esponent kien ġie investigat ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-interrogat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellant kienu monki u jilledu d-drittiiiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbażati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedern. L-appellant jirrileva illi l-qorti bħala sede kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenzi nfushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzia. *Stante* illi s-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-appellant kisru d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, l-istess sentenzi għalhekk għandhom jiġu dikjarati nulli u bla effett.

»Illi *inoltre* l-esponenti jirrileva illi f'każijiet bħal dawn meta hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-artikoli 5(1)(*a*), 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea [tad-Drittijiet] tal-Bniedem, u fl-artikli 34(1)(*b*) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-aħjar rimediu jew l-iktar rimedju idoneu ikun illi tqiegħed lill-esponent f'dik il-posizzjoni oriġinali kieku d-drittijiet fundamentali tiegħu ma ġewx miksura. Dan għaliex il-ksur ta' dawn id-drittijiet instrinsikament se jaffettwa l-proċeduri ħolistikament u għalhekk l-iktar rimedju idoneu jkun illi terġa' tqiegħed lill-persuna li tagħha ġew miksura d-drittiiiet fundamentali tal-bniedem fil-posizzjoni oriġinali u *cioè* f'dik il-posizzjoni fejn id-drittijiet fundamentali tagħha jiġu salvagwardjati u protetti mill-ewwel. Fil-fatt,

il-qrati ewropej diversi drabi rritenew u kkonfermaw din il-posizzjoni. Fil-fatt, fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Pakshayev *v.* Russia deċiż fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) intqal hekk:

> »The Court reiterates that when an applicant has been convicted despite a potential infringement of his rights guaranteed by Article 6 of the Convention he should, as far as possible, be put in the position in which he would have been had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial *de novo* or the reopening of the proceedings, if requested … … …"

»Illi *inoltre*, fil-kaz deċiż mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Abbasov *v.* Azerbaijan deċiż fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti Ewropea sahqet illi:

> "As it was found above, the proceedings before the Supreme Court did not comply with the requirement of fairness as the applicant was deprived of the opportunity to exercise any of his rights under Article 6 of the Convention. In such circumstances, the Court considers that a retrial or the reopening of the case, if requested, represents in principle an appropriate way of redressing the violation in the present case. It is not for the Court to indicate how any new trial (or re-examination of the applicant's appeal) is to proceed and what form it is to take. The respondent State remains free, subject to monitoring by the Committee of Ministers, to choose the means by which it will discharge its obligation to put the applicant, as far as possible, in the position he would have been in had the requirements of the Convention not been disregarded … … …«

37. Ġà rajna, fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell tal-Avukat Ġenerali, illi ma kienx hemm dik il-"kontaminazzjoni tal-proċeduri" li rat l-ewwel qorti u li qiegħed jara l-attur għax kien hemm biss ksur formali tal-jedd għal avukat li ma ħalla ebda konsegwenza negativa la fuq il-proċeduri u lanqas fuq l-attur. Fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju radikali li jrid l-attur ikun għalkollox sproporzjonat, u kumpens pekunjarju, bħal ma tat l-ewwel qorti, ikun rimedju tajjeb u biżżejjed.

38. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

39. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell tal-attur u minn dak tal-Avukat Ġenerali billi tiċħad l-appell tal-attur u tilqa' *in parte* dak tal-Avukat Ġenerali: tirriforma s-sentenza appellata billi:

    i. tħassarha fejn sabet ksur tal-art. 34 tal-Kostituzzjoni u l-artt. 5, 7 u 14 tal-Konvenzjoni u tgħid illi ma kienx hemm ksur ta' dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi;

    ii. tikkonferma fejn ma sabitx ksur tad-drittijiet tal-attur meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat il-piena mogħtija mill-Qorti Kriminali;

    iii. tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni fis-sens illi l-ksur seħħ għax l-attur ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma jew waqt illi tteħditlu stqarrija mill-pulizija; u

    iv. tirriforma wkoll is-sentenza appellata dwar ir-rimedju billi tikkonfermaha safejn l-ewwel qorti tat rimedju pekunjarju iżda, *in vista* tal-fatt illi ntlaqa' *in parte* l-appell tal-Avukat Ġenerali u ma nstabx ksur tal-art. 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artt. 5, 7 u 14 tal-Konvenzjoni, il-kumpens li l-Avukat Ġenerali għandu jħallas lill-attur huwa mnaqqas għal ħames mitt euro (€500).

40. L-ispejjeż tal-appell tal-attur iħallashom kollha l-attur; l-ispejjeż tal-ewwel grad u dawk tal-appell tal-Avukat Ġenerali jinqasmu

hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallashom l-attur u s-sehem l-ieħor minn tlieta (⅓) jħallsu l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df